# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 24**

**Rikors numru 111/16/1 LM**

**Fleur Debono**

**v.**

**Shanylee Reed; Brian u Romina konjuġi Reed għal kull interess li jista' jkollhom, u b'digriet mogħti fis-16 ta' Ġunju 2016 ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis* is-soċjetà Postainsure Agency Ltd (C-5655), u permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Ottubru, 2017 ġie awtorizzat jintervjeni fil-kawża *in statu et terminis* il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attriċi Fleur Debono, fil-11 ta' Frar, 2016, li permezz tiegħu jingħad u jintalab:

"1. Illi kif jirriżulta mir-rapport tal-Pulizija u mill-proċess verbal annessi u mmarkati bħala Dok. MZM 1 u Dok. MZM 2, fit-13 ta' Frar, 2011 seħħ inċident awtomobilistiku fi Triq Aldo Moro, il-Marsa, waqt li r-rikorrenti kienet riekba fil-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni IBG – 195 li kienet misjuqa mill-intimata Shanylee Reed li tilfet il-kontroll tal-vettura, u b'tali konsegwenza baqgħet dieħla f'siġra li tinsab mal-ġenb tal-istess triq, liema inċident seħħ unikament tort tal-intimata Shanylee Reed u minħabba traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tagħha, meta saqet il-vettura msemmija b'veloċità qawwija ħafna tant li bl-impatt il-vettura spiċċat daret dawra ta' mija u tmenin grad (180), u meta kellha biss sittax (16)-il sena, u kwindi ma kellhiex liċenzja tas-sewqan, hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

2. Illi l-impatt tant kien vjolenti li sabiex ir-rikorrenti nħarġet mill-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni IBG-195 kien jeħtieġ is-servizz tal-membri tal-Protezzjoni Ċivili, u dakinhar stess ir-rikorrenti ttieħdet l-Isptar Mater Dei għal kura immedjata stante illi din sofriet ġrieħi ta' natura gravi u kienet fil-periklu tal-mewt;

3. Illi riżultat ta' dan l-inċident, ir-rikorrenti sfat imweġġa' gravament tant li baqgħet issofri minn debilità permanenti, liema ġrieħi, partikolarment f'wiċċha, ser ikollhom effetti fit-tul – u dan kif jirriżulta mir-Rapport Mediku hawn anness u mmarkat Dok. MZM 3;

4. Illi l-intimati Brian u Romina konjugi Reed, qua ġenituri tal-intimata Shanylee Reed, taw lok għall-inċident in kwistjoni, meta bin-negliġenza tagħhom ippermettew aċċess faċli għaċ-ċwievet tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni IBG-195 li eventwalment ittieħdu faċilment minn binthom, Shanylee Reed, u konsegwentement naqqsu fid-dmir tagħhom ta' *bonus paterfamilias* fir-rigward ta' binthom minuri ta' dak iż-żmien – u dan kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

5. Illi bħala konsegwenza ta' dan l-inċident, ir-rikorrenti ġarrbet danni *damnum emergens* li jinkludu spejjeż ta' tobba u speċjalisti, telf ta' xogħol u telf ieħor – kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u minħabba l-ġrieħi gravi li ġarrbet konsegwenza tal-istess inċident, ir-rikorrenti sofriet ukoll danni *lucrum cessans* minħabba debilità permanenti riskontrata u aċċertata (Dok. MZM 3);

6. Illi l-intimata Shanylee Reed kienet ammettiet għall-akkużi kollha miġjuba kontriha fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Juvenile Court) inkluż l-akkuża li kkawżat ġrieħi gravi fuq il-persuna tar-rikorrenti – u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;

7. Illi għal dawn id-danni jaħtu l-intimati, jew min minnhom, li b'għemilhom u b'culpa u/jew traskuraġni huma unikament responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti;

8. Illi interpellati sabiex jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mir-rikorrenti in segwitu ta' dan l-inċident, permezz ta' ittra uffiċjali datata il-31 ta' Ottubru, 2012, l-intimati baqgħu inadempjenti, u għalhekk ġew istitwiti dawn il-proċeduri;

Għaldaqstant u għar-raġunijiet esposti, l-esponenti jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-inċident illi seħħ fit-13 ta' Frar, 2011 fi Triq Aldo Moro, il-Marsa, seħħ unikament tort tal-intimati Shanylee Reed, Brian u Romina konjugi Reed, jew min minnhom, u minħabba culpa u/jew negliġenza da parti tagħhom;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti, kemm *damnum emergens* kif ukoll *lucrum cessans*, u dan occorrendo bl-opera ta' periti nominati minn din l-Onorabbli Qorti stess;

3. Tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu kwalunkwe somma ta' danni hekk likwidata.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-31 ta' Ottubru, 2012, dawk tal-ittra uffiċjali ppreżentata kontestwalment ma' dan ir-rikors maħluf, u bl-imgħaxijiet legali sal-ġurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta ġuramentata ta' Shanylee Reed, Brian u Romina konjuġi Reed, ippreżentata minnhom fl-14 ta' Marzu, 2016, li permezz tagħha eċċepew:

"1. Illi preliminarjament, l-azzjoni intentata fil-konfront tal-esponenti hija preskritta bid-dekors tas-sentejn skont l-artikolu 2153 tal-Kap. 16 u alternattivament skont l-artikolu 2154 tal-Kap. 16;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-preskrizzjoni tal-azzjoni fil-konfront tagħhom, il-konjugi Brian u Romina Reed għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju stante li huma ma jaħtu bl-ebda mod għall-akkadut u mhumiex responsabbli fil-konfront tal-attriċi;

3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, assolutament mhuwiex minnu li l-istess konjugi Brian u Romina Reed ippermettew aċċess faċli għaċ-ċwievet tal-vettura *de quo*;

4. Illi mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, l-inċident *de quo* seħħ minħabba l-insistenza u l-pressjoni eżerċitata mill-attriċi fuq l-esponenti Shanylee Reed sabiex dawn joħorġu bil-karozza proprjetà

tal-ġenituri ta' din tal-aħħar u allura ċertament li għandha tkun l-attriċi li tiġi ritjenuta responsabbli tal-akkadut;

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u in ogni każ, l-attriċi hija tenuta iġġorr persentaġġ għoli ta' responsabbilità kontributorja għall-akkadut;

6. Illi in ogni każ qed jiġi wkoll disputat il-persentaġġ ta' diżabilità permanenti hekk kif stabbilit mill-Professur Darmanin;

7. B'riserva għal azzjonijiet oħrajn permissibbli fil-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi minn issa inġunta għas-subizzjoni tagħha."

3. Rat id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Ġunju, 2016, fejn is-soċjetà Untours Insurance Agency Limited ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis* u dan skont l-Artikolu 960 tal-Kap. 12.

4. Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà intervenuta fil-kawża Untours Insurance Agency Limited, li ġiet ippreżentata fil-21 ta' Ġunju, 2016, li permezz tagħha ġie eċċepit:

"1. Illi r-responsabbilità għall-inċident stradali li seħħ fit-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u ħdax (2011) hija respinta u kontestata;

2. Illi fil-mument tal-inċident is-sewwieqa Shanylee Reed ma kinitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni maħruġa mis-soċjetà Untours Insurance Agents Ltd;

3. Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż;

4. Salvi eċċezzjonijiet oħrajn permessi mil-liġi."

5. Rat id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta' Ottubru, 2017, li permezz tiegħu l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-Fond għall-Protezzjoni

u Kumpens stabbilit għall-finijiet tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 403 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jitħalla jintervjeni f'din il-kawża *in statu et terminis*, u dan minħabba nuqqas ta' qbil mal-pożizzjoni li ħadet l-intervenuta fil-kawża s-soċjetà Untours Insurance Agency Limited.

6. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-19 ta' Ottubru, 2018, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi:

> "1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti;
>
> 2. Tilqa' t-talbiet tal-attriċi, u tiddikjara illi l-inċident illi seħħ fit-13 ta' Frar, 2011 fi Triq Aldo Moro, il-Marsa, seħħ unikament tort tal-konvenuti Shanylee Reed, Brian Reed u Romina Reed;
>
> 3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi fis-somma ta' tlieta u erbgħin elf, tliet mija u tnejn u sebgħin Euro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€43,372.77);
>
> 4. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-attriċi *in solidum* bejniethom is-somma hekk likwidata bħala danni.
>
> Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-31 ta' Ottubru, 2012, dawk tal-ittra uffiċjali ppreżentata kontestwalment mar-Rikors Maħluf, u bl-imgħaxijiet legali mil-lum sal-ġurnata tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti."

7. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Qabel tevalwa l-provi mressqa rigward il-mertu ta' din il-vertenza, il-Qorti sejra tindirizza l-ewwel eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, rigward il-preskrizzjoni o meno tal-azzjoni attriċi. L-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmel riferiment għal azzjonijiet għad-danni li ma jirriżultawx minn reat kriminali, u għaldaqstant dan l-artikolu tal-liġi m'għandux applikazzjoni għall-proċeduri odjerni *stante* li jirriżulta bl-aktar mod ampju li fil-każ odjern kien hemm responsabbilità kriminali x'tinġar, tant li ttieħdu proċeduri kriminali fil-

konfront tal-partijiet. Għal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili, dan jistabbilixxi illi:

> "Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali."

Il-Qorti stabbiliet f'diversi sentenzi li fir-rigward ta' azzjonijiet għad-danni li jitnisslu minn inċidenti awtomobilistiċi, tapplika l-preskrizzjoni kif regolata bl-artikolu 2154 tal-Kap. 16. Hekk per eżempju f'sentenza fl-ismijiet **Joseph Zammit vs. Joseph Bonello et**[1], il-Qorti stabbiliet li d-danni sofferti b'konsegwenza ta' inċident stradali li fih l-attur allegatament sofra debilità permanenti, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik ikkontemplata fl-artikolu 2154.

Fil-każ odjern, ir-reat kriminali li ammettiet il-konvenuta Shanylee Reed kien dak ai termini tal-artikoli 218 u 226(1) tal-Kap. 9, u ċjoè ta' offiża gravi fuq il-persuna tal-attriċi li konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża sofriet ġrieħi li kkawżaw sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ. Għaldaqstant it-terminu preskrittiv applikabbli huwa dak ta' ħames snin *ai termini* tal-artikolu 688(d) tal-istess Kodiċi Kriminali. Dan ifisser li l-azzjoni proposta mill-attriċi mhijiex preskritta *stante* li ġiet intavolata entro dan it-terminu, u għalhekk l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti għandhom jiġu miċħuda.

Il-Qorti kkunsidrat il-provi mressqa quddiemha, minn fejn jirriżulta li l-konvenuta Shanylee Reed u l-attriċi Fleur Debono, li kienu minorenni fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, it-tnejn li huma aġixxew b'irresponsabbilità u b'immaturità kbira, li wieħed ċertament ma jistenniex minn tfajliet ta' ħmistax-il sena. Jidher li kollox beda meta l-konvenuta Shanylee Reed stiednet tlett iħbieb tagħha jmorru fid-dar tal-ġenituri tagħha sabiex joqogħdu jaraw it-televiżjoni u wara jorqdu għandha. Għal xi raġuni, f'nofs ta' lejl din qamet u ħajret lil sħabha jmorru dawra magħha bil-karozza ta' ommha, u dan minkejja skont kif xehdet hi stess, hi qatt ma kienet saqet l-ebda karozza qabel. Minn tlett iħbieb, kienet l-attriċi biss li aċċettat li tmur dawra mal-konvenuta. Il-konvenuta min-naħa tagħha ma kellha l-ebda problema sabiex tidħol fil-kċina tad-dar tal-ġenituri tagħha, tieħu minn hemm iċ-ċavetta tal-karozza ta' ommha, u wara li taqbeż mit-tieqa tal-kamra tas-sodda fejn kienu reqdin hi u sħabha, tixgħel il-karozza ta' ommha u tipprova ssuqha, tant li ħarġitha mill-*parking slot* u rnexxielha ssuqha għal ftit sakemm il-karozza waqfet minħabba li ma kellhiex petrol. Kien hawnhekk li l-partijiet iddeċidew li la ma rnexxiex il-pjan li joħorġu bil-karozza tal-omm, jippruvaw joħorġu bil-karozza tal-missier. Il-partijiet ma qablux bejniethom dwar ta' min kienet din l-idea, u filwaqt li l-konvenuta ammettiet li kienet hi li ħajret lil sħabha joħorġu magħha bil-karozza ta' ommha, hemm xhieda konfliġġenti dwar jekk kinitx l-attriċi li ħajret lill-konvenuta tipprova ssuq il-karozza ta' missierha, jew jekk kinitx il-konvenuta li ppuntat lejn il-karozza ta' missierha u

[1] P.A., 08.10.2004.

infurmat lill-attriċi li jkun aħjar jekk joħorġu biha, għaliex missierha żgur li ma kienx ser iħalli l-karozza bla petrol. Kienet ta' min kienet l-idea, iż-żewġ tfajliet li fl-età ta' ħmistax-il sena mmisshom kienu jafu ferm u ferm aħjar, iddeċidew li t-tnejn li huma jirkbu fil-karozza tal-missier u minn l-Isla jmorru dawra sa Paceville.

Quddiem dawn il-provi u dikjarazzjonijiet, il-Qorti għandha diffikultà kbira temmen li din kienet l-ewwel darba li l-konvenuta saqet karozza, anki jekk mhux neċessarjament kienet issuq il-karozzi tal-ġenituri tagħha u anki dwar dan, il-Qorti mhi teskludi xejn. M'hemm xejn verosimili f'dak li qalet il-konvenuta, li hi qatt ma kienet saqet qabel, u li kienet taf x'għandha tagħmel biss minħabba li kienet toqgħod tosserva lil missierha jsuq, meta wieħed jikkunsidra li wara lejl imqajma, din it-tfajla ta' ħmistax-il sena, irnexxielha tistartja vettura bħalma hi dik tal-għamla involuta fl-inċident (tip ta' *sports car*) u ssuq biha minn l-Isla sa Paceville u lura, bl-inċident iseħħ fil-Marsa, post relattivament viċin id-dar tagħha, wara li din allegatament tilfet il-kontroll tal-vettura tagħha. Il-Qorti tqis li hu inverosimili li din kienet l-ewwel darba li l-konvenuta saqet, meta fi kliemha stess xħin indunat kemm kienu tbiegħdu mid-dar, din bdiet taċċellera fil-veloċità li ma jmurx jilħaq iqum missierha u jinduna x'kienet għamlet. Persuna minorenni, li tpoġġi bil-qiegħda wara *steering* ta' karozza għall-ewwel darba f'ħajjitha, ċertament li la tkun taf x'għandha tagħmel biex toħroġ karozza mill-*parking bay*, u lanqas ma jkollha l-livell ta' kunfidenza murija mill-konvenuta, li fl-età ta' ħmistax-il sena dehrilha li fis-sigħat bikrin tal-Ħadd filgħodu, għandha tmur dawra sa Paceville b'karozza li qatt ma saqet qabel, u agħar minn hekk issuq b'veloċità qawwija tant li beżżgħet lil min kien riekeb magħha.

Hu hawnhekk li l-Qorti tqis li għandha ddur fuq il-ġenituri tal-konvenuta, u għalkemm hija konxja tad-diffikultajiet li t-trobbija ta' tfal f'ċerti etajiet iġġib magħha, ma tistax taċċetta li l-ġenituri tal-konvenuta f'din il-kawża m'għandhomx iġorru wkoll ir-responsabbilità tagħhom. Il-Qorti mhix tippretendi li kull min għandu tfal f'etajiet li jafu jkunu diffikultużi għandu jaħbi kull ħaġa li tista' tkun ta' periklu fid-dar, bħalma huma ċ-ċwievet tal-karozzi, għaliex jekk dawn qatt ma ġiehom suspett li binthom setgħet kienet qiegħda ssuq, ċertament li ma kellhomx għalfejn jgħixu f'sitwazzjoni fejn joqogħdu jaħbu ċ-ċwievet tal-karozzi. Mill-provi madanakollu jirriżultalha li fil-lejl li fih seħħ l-inċident, fid-dar tal-koppja Reed kien hemm reqdin ħames tfajliet minorenni, iż-żewġt itfal tagħhom u t-tlett iħbieb ta' binthom Shanylee. Huwa possibbli li f'lejl li fih tospita ġo darek tliet tfajliet taħt l-età, tidħol torqod, u fl-ebda parti tal-lejl ma tqum tara jekk hux kulħadd rieqed jew jekk ġo darek humiex għaddejjin affarijiet li ġenitur responsabbli jaf li m'għandux jaċċetta? Huwa possibbli li fis-sitwazzjoni li ġiet deskritta waqt il-ġbir tal-provi, ta' ġiri fil-kċina, xegħil ta' dawl, tiftix għaċ-ċwievet, argumenti tat-tfajliet bejniethom dwar jekk hix idea tajba li joħorġu dawra bil-karozza meta ma kellhomx liċenzja tas-sewqan, qbiż mit-twieqi, startjar ta' magni tal-karozzi, wieħed jibqa' rieqed u fl-ebda ħin ma jisma' xejn, u agħar minn hekk, fl-ebda ħin ma jqum jiċċekkja erba'

minorenni reqdin waħedhom f'kamra, x'inhuma jagħmlu? Quddiem dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis li l-ġenituri tal-konvenuta Shanylee Reed għandhom iġorru parti mir-responsabbilitá għall-akkadut, u dan minħabba li jidher ċar li dawn naqsu mill-obbligi tagħhom ta' ħarsien ta' minuri fdati fil-kustodja tagħhom bil-livell ta' diliġenza stabbilita mil-liġi.

F'dan il-punt, il-Qorti ser iddur sabiex tevalwa jekk l-imġiba tal-attriċi kinitx waħda li tirrendiha responsabbli almenu parzjalment għall-akkadut. Il-Qorti qieset li l-attriċi kienet mistiedna fid-dar ta' ħabiba tagħha, u li probabbilment qabel ma l-konvenuta ħarġet bl-idea li tieħu lil sħabha dawra bil-karozza ta' ommha, ma kinitx ser tkun hi, l-attriċi, li toħroġ bl-idea li hi u sħabha jmorru dawra bil-karozza. Il-konvenuti eċċepew id-difiża ta' *volenti non fit iniuria*, li jfisser li ħadd ma jista' jallega li sofra danni meta hu jkun aċċetta li jkun parteċipi f'attività li tesponih għar-riskju. Hemm tliet elementi li jridu jiġu sodisfatti sabiex jiġi deċiż li persuna minn jeddha ssottomettiet lilha nnifisha għal periklu li jippreklurdiha milli tagħmel talba għad-danni b'suċċess:

i. Il-vittma trid tkun aċċettat li twettaq il-ħaġa li esponietha għar-riskju;

ii. Il-vittma trid tkun aċċettat b'mod volontarju;

iii. Meta aċċettat, il-vittma kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilità tar-riskju li dieħla għalih.[2]

Minn dak li semgħet il-Qorti, jidher li minkejja li l-attriċi aċċettat li tirkeb fil-vettura misjuqa mill-konvenuta Shanylee Reed, hi kienet taf li din bħalha kienet minorenni u li għalhekk ma kellha l-ebda liċenzja tas-sewqan. Madanakollu jidher li dak li kkonvinċa lill-attriċi tirkeb mal-konvenuta kien il-fatt li din tal-aħħar tatha assigurazzjoni li kienet taf issuq. Jidher ukoll, minn dak li setgħet tosserva l-attriċi, li l-konvenuta wriet li verament taf issuq, tant li l-karozza ta' ommha waqfitilha mhux għax bdiet tinnokkja jew għaliex hi ma kinitx taf x'għandha tagħmel biex toħroġha mill-*parking bay* wara li tistartjaha, iżda għax ma kellhiex petrol. Minkejja li hu risaput li persuna ta' ħmistax-il sena suppost taf li m'għandhiex tagħmel dak li għamlet l-attriċi, il-Qorti hi tal-fehma li ma jissussistux l-elementi kollha neċessarji biex jiġi stabbilit li l-attriċi gratwitament daħlet għal avventura li kienet taf li ser twassalha biex tgħaddi minn inċident li konsegwenza tiegħu spiċċat tissielet għal ħajjitha.

Il-Qorti qieset ukoll is-sottomissjoni li seta' kien hemm negliġenza kontributorja da parti tal-attriċi. F'sentenza fl-ismijiet **Mario Seguna et vs. Carmel Debono et**[3], ġie deċiż x'inhu dak li jikkwalifika bħala 'negliġenza kontributorja':

[2] **David Gathergood vs. Anchor Bay Leisures Limited et,** P.A., 12.03.2012.
[3] P.A., 10.06.2005.

> *"... biex ikun hemm negliġenza kontributorja f'każ fejn iseħħ inċident, jeħtieġ jintwera tajjeb biżżejjed li n-negliġenza tal-parti midruba tkun tali li, kieku mingħajrha, l-inċident ma kienx iseħħ. Għaliex meta n-negliġenza tal-vittma tkun tali li, min jiġi misjub responsabbli biex iħallas id-danni, seta' evita li jikkawża dawk id-danni b'attenzjoni ordinarja, allura r-responsabbilità ta' dak l-inċident ibatiha l-imħarrek."*

Is-sottomissjoni dwar in-negliġenza kontributorja tal-attriċi saret fil-kuntest tal-konklużjoni li waslet għaliha l-konvenuta, li l-attriċi fil-mumenti ta' qabel l-inċident, għolliet il-*handbrake* tal-vettura li kienet qiegħda ssuq il-konvenuta. Madanakollu mill-provi prodotti ma jirriżultax li dan l-inċident seħħ proprju minħabba f'dak li qiegħda tallega l-konvenuta, u filwaqt li l-attriċi ma ċaħditx li hi kienet heddet lill-konvenuta li ser ittella' l-*handbrake* jekk din tibqa' ssuq b'veloċità eċċessiva, mill-provi minn imkien ma rriżulta li dan kien proprju dak li seħħ. Pjuttost li mix-xhieda tal-esperti li nħatru biex jirrelataw dwar il-każ għall-finijiet tal-inkjesta maġisterjali, irriżulta li l-inċident seħħ minħabba li għal xi raġuni l-konvenuta tilfet il-kontroll tal-vettura, u li mkien ma kien hemm marki tat-tyres fl-art li setgħu jindikaw li l-impatt seħħ minħabba li xi ħadd għolla l-*handbrake* f'salt.

Hekk stabbilita l-kwistjoni dwar ir-responsabbilità għal dan l-inċident, il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi, kemm dawk materjali, kif ukoll dawk konsistenti fit-telf ta' qligħ futur li l-attriċi tilfet konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

*Damnum emergens*:

L-attriċi pproduċiet għadd ta' rċevuti li jindikaw ħlasijiet u spejjeż li hi għamlet b'rabta ma' visti mediċi u trattamenti u kura li hi ħtiġilha tagħmel, li jirriżulta li jammontaw għal ħames mija u tmenin Euro (€580).[4]

*Lucrum cessans:*

Mill-provi jirriżulta li fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, l-attriċi kienet għadha studenta, u li din qattgħet is-snin ta' wara l-inċident bħala studenta f'xi forma ta' istituzzjoni edukattiva jew oħra. Mhux magħruf jekk l-attriċi akkwistatx xi ħiliet partikolari li bis-saħħa tagħhom jista' jkun hemm prova tal-qligħ li l-attriċi setgħet tipprospetta li tagħmel fil-futur.

L-espert mediku maħtur mill-Qorti Mr Joseph Briffa ikkonstata li konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attriċi sofriet minn debilità permanenti ta' 15%. Il-Qorti temmen li għandha tagħmel tagħha din il-konklużjoni tenut kont tal-fatt li anki l-konsulent *ex parte* Mr Francis X Darmanin li marret għandu l-attriċi stabbilixxa li d-debilità permanenti sofferta minnha kienet ta' madwar 17%. Il-Qorti qieset ukoll li l-evalwazzjoni li għamel l-espert maħtur minnha, saret f'data aktar

[4] *A fol.* 99 sa 111 tal-proċess.

riċenti. F'każ pjuttost riċenti, fl-ismijiet **Joseph Zammit vs. Joseph Bonello et**[5], il-Qorti stabbiliet is-segwenti prinċipji li għandhom jirregolaw il-ħsieb tal-ġudikant meta jiġi biex jillikwida d-danni li għandhom jitħallsu f'ċirkostanzi simili għal ta' din il-kawża:

> "Illi tali regoli ġew supplimentati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija '**Michael Butler vs Peter Christopher Heard'** (Appell, 22.12.1967), li tat l-oriġini għall-hekk imsejħa multiplier system, li però ġiet aġġustata għaż-żminijiet riċenti peress li, kif intqal fil-kawża **'Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et**, (Appell, 16.11.1983) 'iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu.' Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu aktar flessibbli o meno rigorużi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw 'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi – ('**Savona vs Asphar'**, Appell, 23.06.1952); u li 'għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut' (**Emmanuel Mizzi vs Carmel Attard**, 13.05.2003), u li 'dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċità ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilità. Inoltre d-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza mhijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realtà' (**Francis Sultana vs John Micallef et noe et'**, Appell, 20.07.1994)."

Tenut kont li ma tressqet ebda prova dwar kemm hu l-qligħ li l-attriċi tipprospetta li taqla' ladarba ttemm l-istudji tagħha, il-Qorti tikkunsidra li almenu hija dejjem ser tkun qiegħda taqla' l-ekwivalenti tal-paga minima, u għalhekk fin-nuqqas ta' prova aħjar, ser tkun qiegħda tadotta r-rata tal-paga minima fis-sena li fiha seħħ l-inċident bħala bażi għall-fini tal-komputazzjoni tad-danni li trid tagħmel.

F'ċirkostanzi bħal dawn, il-Qorti tqis l-paga minima nazzjonali fis-sena 2011 kienet ta' €7,479.16 għal persuna taħt is-sbatax-il sena.[6] Dan l-ammont irid jiġi aġġustat għall-għoli tal-ħajja[7] għall-perijodu kollu tal-*multiplier* li ser tistabbilixxi din il-Qorti. Dan ifisser li fuq medda ta' 40 sena, il-paga medja ta' Fleur Debono kienet mistennija li tiżdied għal €10,351.16 (€7,479.16 x 0.96 x 40). Li kieku wieħed kellu jieħu l-medja fuq l-imsemmi perijodu, €7,479.16 + €10,351.16 / 2, is-salarju medju ta' Fleur Debono kien mistenni li jkun fl-ammont ta' €8,915.16.

---

[5] P.A., 25.02.2016.

[6] L.S. 452.71

[7] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea vs. Charles Fenech pro et noe**, il-Qorti stabbiliet illi, "meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier.*" Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38%(2013) + 0.31%(2014) + 1.10%(2015) + 0.64%(2016) + 1.37%(2017) ÷ 5= 0.96%}.

Element diskrezzjonali u li jagħti lok għal diverġenzi fl-iffissar tal-kumpens dovut f'każijiet ta' din ix-xorta, huwa l-element tal-multiplier, li fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et noe vs. Carmelo Pace**[8] ġie stabbilit li huwa:

> "In-numru ta' snin adottat bħala *multiplier* m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in kunsiderazzjoni ċ-'*chances and changes of life'.*
>
> ...
> Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier,* fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji."

Madanakollu, f'sentenzi aktar riċenti l-Qrati tagħna qiesu li jkun ġust li l-*multiplier* ikun irregolat skont l-età tal-vittma, u għal persuna li tkun għadha m'għalqitx sittax-il sena, ġie kostantement ikkunsidrat li l-multiplier għandu jkun ta' 40.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta, wassal għal żvilupp ieħor importanti f'komputazzjonijiet ta' din ix-xorta, dak li jitnaqqas 20% tal-*lump sum payment* stabbilit mill-Qorti minħabba d-dewmien fl-intavolar tal-kawża jew id-dewmien tal-proċeduri. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti tħoss li ma kienx hemm tali dewmien, u li għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis. F'sentenza fl-ismijiet **Paul Xuereb noe vs. Emanuel Xuereb pro et noe**[9], il-Qorti qalet hekk:

> "Fir-rigward tar-riduzzjoni għal *lump sum payment* il-Qorti ... jidhrilha li ... ma għandu jsir ebda tnaqqis fil-persentaġġ solitu ta' 20 fil-mija għal *lump sum payment* jekk ma jkunux għaddew aktar minn tliet snin mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni u jekk ikun għadda dan il-perijodu allura għandu jsir tnaqqis ta' 2% għal kull sena minn dik id-data."

Tenut kont tal-fatt li din il-kawża ġiet intavolata fl-2016, u l-ġudizzju qiegħed jingħata ftit aktar minn sentejn wara, il-Qorti tqis li m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis.

Għalhekk is-somma li qiegħda tiġi likwidata bħala *lucrum cessans* f'dan il-każ hija ta' €8,915.16 x 40 *(multiplier)* = €356,606.40 x 15% diżabilità = €53,490.96 - 20% (*lump sum payment*) = €42,792.77, li

[8] Q.A., 05.03.1986.
[9] P.A., 05.10.1995.

maghħdud mad-danni attwali sofferti mill-attriċi, tammonta għal **€43,372.77.”**

8. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti Shanylee Reed, u Brian u Romina konjuġi Reed, li permezz tiegħu talbu lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata tad-19 ta’ Ottubru, 2018, u minflok tilqa’ l-eċċezzjonijiet tagħhom u tiċħad it-talbiet tal-appellata. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata.

9. Rat ir-rikors tal-appell tas-soċjetà Untours Insurance Agency Limited, illum Postainsure Agency Limited, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti tirriforma u tvarja s-sentenza mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet premessi, billi tilqa’ l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intervenuta fil-kawża fis-sħiħ u tiċħad it-talbiet kollha tal-attriċi appellata; kif ukoll talbet lil din il-Qorti tikkonferma li fil-ġurnata tal-inċident *de quo* l-polza tal-assikurazzjoni maħruġa fuq il-vettura mis-soċjetà appellanti u misjuqa mill-konvenuta Shanylee Reed, kienet tkopri lill-istess konvenuta biss bl-operat tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta’ Malta.

10. Rat ir-risposta tal-appell tal-intervenut fil-kawża Fond għall-Protezzjoni u Kumpens għar-rikors tal-appell tal-konvenuti Reed, fis-sens li l-appell tal-konvenuti Reed għandu jiġi milqugħ minn din il-Qorti u s-sentenza appellata tad-19 ta’ Ottubru, 2018, fl-ismijiet premessi għandha tiġi revokata u t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.

11. Rat ir-risposta tal-appell tal-intervenut fil-kawża Fond għall-Protezzjoni u Kumpens għar-rikors tal-appell tas-soċjetà intervenuta fil-kawża Untours Insurance Agency Limited, fis-sens li filwaqt li l-ewwel aggravju tas-soċjetà intervenuta appellanti għandu jiġi milqugħ, it-tieni aggravju għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra tagħha.

12. Rat ir-risposta tal-attriċi appellata Fleur Debono fir-rigward tal-appell interpost mis-soċjetà Untours Insurance Agency Limited, fis-sens li l-aggravji tal-istess soċjetà għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra tagħha, filwaqt li s-sentenza tal-Ewwel Qorti tad-19 ta' Ottubru, 2018, għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha.

13. Rat ir-risposta tal-attriċi appellata Fleur Debono fir-rigward tal-appell imressaq mill-konvenuti appellanti Shanylee Reed, u Brian u Romina konjuġi Reed, fis-sens li l-aggravji tagħhom għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom, bl-ispejjeż kontra l-istess appellanti, filwaqt li s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-19 ta' Ottubru, 2018, għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha.

14. Rat li waqt is-seduta tas-6 ta' Diċembru, 2022, id-difensur tal-attriċi appellata irtira l-eċċezzjoni dwar id-deżerzjoni tal-appell u għall-bqija, d-

difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx xi jżidu mal-atti tal-appell u li l-appell baqa' differit għas-sentenza.

15. Rat l-atti kollha tal-kawża;

Ikkonsidrat:

16. Illi dan il-każ jitratta t-talba tal-attriċi għad-dikjarazzjoni li l-inċident tat-traffiku li seħħ fit-13 ta' Frar, 2011, fi Triq Aldo Moro, l-Marsa, seħħ unikament tort tal-konvenuti Shanylee Reed u Brian u Romina konjuġi Reed minħabba *culpa* u/jew negliġenza da parti tagħhom, kif ukoll talba għal-likwidazzjoni u l-kundanna għall-ħlas tad-danni hekk likwidati. Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali sal-ġurnata tal-pagament effettiv, kontra l-istess konvenuti.

17. Il-konvenuti Shanylee Reed, Brian u Romina konjuġi Reed eċċepew b'mod preliminari li l-azzjoni attriċi hija preskritta bid-dekors tas-sentejn skont l-Artikolu 2153, kif ukoll skont l-Artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili. Brian u Romina Reed eċċepew li għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju, peress li ma jaħtu bl-ebda mod għall-akkadut u għalhekk mhumiex responsabbli fil-konfront tal-attriċi, peress li ma ippermettewx aċċess faċli għaċ-ċwievet tal-vettura in kwistjoni. Anzi l-konvenuti jikkontendu li l-inċident seħħ sforz l-insistenza u l-pressjoni

eżerċitata mill-attriċi fuq il-konvenuta Shanylee Reed sabiex joħorġu bil-karozza tal-ġenituri tagħha u għalhekk taħti l-istess attriċi għall-istess inċident. F'kull każ, l-attriċi hija tenuta li ġġorr perċentwal għoli ta' responsabbiltà kontributorja għall-akkadut. Ġie kontestat ukoll il-perċentwal ta' diżabilità permanenti, kif stabbilit mill-konsulent mediku *ex parte.*

18. Is-soċjetà intervenuta fil-kawża Untours Insurance Agency Limited ressqet ukoll l-eċċezzjonijiet tagħha fis-sens li rrespinġiet ir-responsabbiltà għall-inċident stradali, peress li s-sewwieqa Shanylee Reed ma kinitx koperta bil-polza tal-assikurazzjoni maħruġa minnha.

19. Filwaqt li l-intervenut fil-kawża Fond għall-Protezzjoni u Kumpens jisħaq dwar in-nuqqas ta' qbil mal-pożizzjoni li ħadet l-intervenuta fil-kawża s-soċjetà Untours Insurance Agency Limited.

20. L-Ewwel Qorti permezz tas-sentenza tagħha tad-19 ta' Ottubru, 2018, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti, nkluż dik tal-preskrizzjoni, laqgħet it-talbiet attriċi u ddikjarat li l-inċident tat-traffiku li seħħ fit-13 ta' Frar, 2011, fi Triq Aldo Moro, l-Marsa, seħħ unikament tort tal-konvenuti Shanylee Reed u Brian u Romina konjuġi Reed, illikwidat id-danni mġarrba mill-attriċi fis-somma ta' €43,372.77 u kkundannat lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-attriċi *in solidum* id-danni hekk likwidati. Bl-

ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-ġurnata tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti.

21. Il-konvenuti Shanylee Reed, Brian u Romina konjuġi Reed ħassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u għalhekk interponew appell minnha. L-appell tagħhom jissejjes fuq tliet aggravji: (a) l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddikjarat li ma jirriżultawx l-elementi kollha ta' *volenti non fit iniuria;* (b) l-Ewwel Qorti kienet żbaljata wkoll fejn iddikjarat li l-attriċi appellata ma kkontribwietx għall-akkadut u (c) fi kwalunkwe każ, l-appellanti Brian u Romina konjuġi Reed ma jistgħux jinstabu responsabbli għall-inċident.

22. Min-naħa tagħha s-soċjetà intervenuta fil-kawża wkoll ressqet appell mis-sentenza tal-Prim'Awla, fuq l-aggravji li (i) apparti r-responsabbiltà tal-konvenuta Shanylee Reed għall-akkadut, l-Ewwel Qorti messha sabet responsabbiltà kontributorja min-naħa tal-attriċi Fleur Debono, taħt il-prinċipju ta' *volenti non fit iniuria*; kif ukoll (ii) in-nuqqas ta' responsabbiltà tas-soċjetà intervenuta appellanti minħabba n-nuqqas ta' kopertura tal-assikurazzjoni.

23. Jitqies xieraq li l-ewwel jiġi trattat l-ewwel aggravju tal-konvenuti, dak ta' *volenti non fit iniuria,* mqanqal ukoll mis-soċjetà intervenuta fil-kawża appellanti. Iż-żewġ appellanti jikkontendu li l-attriċi kienet taf

sewwa bir-riskju li kienet qiegħda tinkorri peress li huwa ċar għal kulħadd li persuna ta' ħmistax-il sena m'għandhiex abbiltà li ssuq, tant li ż-żewġt iħbieb l-oħra Raisa Bugeja u Bernice Muscat, li kienu tal-istess età qalulhom li kienet idea ħażina. Isostnu li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset li l-konvenuta kienet kapaċi ssuq, mentri l-attriċi kellha sehem attiv fid-deċiżjoni li hija u l-konvenuta Shanylee Reed imorru dawra bil-karozza tal-missier. Jisħqu li meta l-attriċi aċċettat minn jeddha li tidħol għall-avventura, hija mill-bidu kienet taf li kienet dieħla għall-possibilità ta' riskju, meta rikbet ma' sewwieq li ma jafx isuq u li ma kellux liċenzja biex isuq, riskju manifestament perikoluż, peress li l-perikolu kien wieħed prevedibbli.

24. Illi għandu jingħad mal-ewwel, li din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-ewwel aggravju taż-żewġ appellanti. Il-fatt li l-attriċi kienet taf li sejra tieħu sehem f'xi ħaġa, f'dan il-każ dawra bil-karozza misjuqa minn minorenni oħra, ma jfissirx li jeħles lil ħaddieħor minn kull responsabbiltà u mill-obbligu li jimxi bil-għaqal, jew li kienet qiegħda tieħu fuqha r-responsabbiltà sħiħa għall-ħsara li tiġrilha. Il-fatt li l-attriċi appellata kienet taf li ser tirkeb f'karozza misjuqa minn minorenni, attività li hija perikoluża u bi ksur tal-liġi, ma jfissirx li l-konvenuta setgħet liberament timxi b'negliġenza jew li kienet meħlusa mill-obbligu li timxi bil-għaqal, anzi b'għaqal akbar, kunsidrat li kienet ser issuq il-karozza ta' missierha meta ma kellhiex la liċenzja u lanqas l-għarfien tas-sewqan li jiġi bl-esperjenza.

25. Issir referenza f'dan is-sens għas-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' Diċembru, 2010, fil-kawża fl-ismijiet **Carmel Delmar et v. Joseph Mifsud et,** li wkoll kienet titratta każ ta' sewqan minn minorenni li spiċċa fi traġedja, fejn proprju dwar il-prinċipju ta' *volenti non fit iniuria* ngħad:

> *"Din il-Qorti terga' taghmel referenza ghas-sentenza fl-**ismijiet Paul Vassallo et v. Carmelo Pace** deciza fil-5 ta' Marzu 1986*[10] *imsemmija mill-partijiet fejn intqal hekk:*
>
> > *'B'riferenza ghall-imsemmi principju volenti non fit iniuria, ic-Charlesworth, Law of Negligence, pagna 498, josserva:*
> >
> > *'A person <u>who makes an agreement with another</u>, either <u>expressly or by implication, to run the risk</u> of injury caused by that other, cannot recover for damage caused to him by any of the risks he agreed to run';*
>
> *Kif ikompli ic-Charlesworth, op. cit. (Pagna 498):*
>
> > *"… the first point is that the Courts will not find the existence of an implied agreement unless the person who is alleged to have made it had full knowledge of the nature and extent of the risk to be run. The other point is that although plaintiff <u>had full knowledge of the nature and extent of the risk</u> and, with that knowledge, in fact incurred it, he will not be prevented from recovering <u>unless the circumstances are such as to show that incurring the risk he did it on the terms that the loss should fall on him and not on some other person</u>. This is because, as has often been pointed out, <u>the maxim is volenti non fit iniuria and not scienti non fit iniuria</u>. Knowledge of the risk is therefore only one of the elements which has to be taken taken into account in deciding whether the inference that the plaintiff agreed to take the risk upon himself can be drawn."*

26. Dik il-Qorti għaddiet sabiex tapplika dan il-prinċipju għall-fatti tal-każ quddiemha sabiex qieset li, l-fatt li l-vittma minn jeddha rikbet bħala passiġġier fil-karozza, ma jfissirx li kien sar xi ftehim bejn il-passiġġier u bejn s-sewwieq li jekk ikollhom xi inċident, il-vittma kienet ser tagħmel

[10] Vol. LXX p.2 p.143

tajjeb għat-telf kollu li ġġarrab. Kull persuna hija ġustifikata li taħseb li sewwieq ser jadopera d-dilġenza u l-prekawzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi evitat id-dannu.

27. Relevanti f'dan il-kuntest ukoll, hija s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, tas-16 ta' Settembru, 2009, fil-kawża fl-ismijiet **Victor Xerri et pen v. Julian Sultana et,** li wkoll kien jitratta inċident tat-traffiku li fih kien hemm involuti l-minorenni, fejn ingħad:

> *"Ghalkemm m'hemmx dubju li l-vittma rikeb b'mod volontarju fuq il-mutur li kien involut fl-incident, b'daqshekk ma jfissirx li sar xi ftehim bejn Julian Sultana u l-vittma li jekk jigri xi haga Xerri kien qieghed jiehu r-riskju fuqu ghal kwalsiasi telf li jista' jsofri. Fil-kawza ingliza Morris vs Murray (1991)[11] gie spjegat il-principju:-*
>
>> *".... in order to defeat an otherwise valid claim on the basis that the plaintiff was volens* ***the defendant must establish that the plaintiff at the material time knew the nature and extent of the risk and voluntarily agreed to absolve the defendant from the consequences of it by consenting to the lack of reasonable care that might produce the risk****. It is common ground and long establised that knowledge of the risk is not sufficient but there must also be consent to bear the consequences of it."[12]*
>
> *Fil-kuntest lokali hi rilevanti s-sentenza tal-Qorti tal-Appell[13] fil-kawza:* ***Franco Spiteri vs Joseph Cucciardi et*** *deciza fis-27 ta' Frar 2009 li wkoll ittrattat din id-difiza:-*
>
>> *"......ghas-sostenn tad-difiza, tal-"volenti non fit injuria" mill-prova inkombenti fuq l-appellanti illi l-attur "had full knowledge of the nature and extent of the risk to be run" u li "the circumstances are such to show that in incurring the risk he did it on the terms that the loss should fall on him and not on some other person" (****Charlesworth, "Law of Negligence****" pagna 498, kif citat fis-sentenza fl-ismijiet "****Paul Vassallo et -vs- Carmelo Pace",*** *Appell Civili, 5 ta' Marzu, 1986). Skond l-imsemmi* ***awtur iz-zewg aspetti fokali insiti fil-massima jridu***

[11]The Modern Law of Negligence, R.A. Buckley (Tieni Edizzjoni, Butterworths 1993) pagna 61
[12] Fl-Ingilterra permezz tar-Road Traffic Act tal-1988 dan il-principju tnehha minn incidenti tat-traffiku li fihom passiggier isofri griehi (Artikolu 149)
[13] Imħallef P Sciberras

> ***jikkoincidu flimkien biex jiddizintitolaw lill-attur milli jirkupra d-danni**." (enfazi mizjuda)*[14].

28. Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, meta l-attriċi rikbet ma' Shanylee Reed, ma kinitx qiegħda neċessarjament tpoġġi ħajjitha volontarjament fil-perikolu. Lanqas jirriżulta li kien hemm xi ftehim li bih l-attriċi kienet qiegħda tieħu fuqha r-riskju jew li kienet qiegħda tassumi r-riskju. Sabiex jirnexxi l-argument tal-appellanti, kien meħtieġ li jirriżulta ftehim bejn l-attriċi u l-konvenuta Shanylee Reed. Kwindi kien meħtieġ li jiġi ppruvat mhux biss li l-attriċi kellha xjenza sħiħa tan-natura u l-estensjoni tar-riskju (kienet taf bih), imma li riedet tassumi dak ir-riskju (il-volontà jew ir-rieda tagħha li tieħu dak ir-riskju), iżda wkoll li riedet tassumi dak ir-riskju fuqha (permezz ta' ftehim espress jew taċitu) li f'każ ta' ħsara konsegwenza ta' negliġenza tal-parti l-oħra, li hija qiegħda tirrinunzja għal kull pretensjoni fil-konfront tagħha. Isegwi li għalkemm għal raġunijiet kemmxejn differenti minn dawk mogħtija mill-ewwel Qorti, dan l-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti ma jimmeritax li jiġi milqugħ.

29. Imiss li jiġi trattat it-tieni aggravju tal-konvenuti appellanti Reed, dak dwar in-negliġenza kontributorja min-naħa tal-attriċi. Dan jingħad mill-appellanti fil-kuntest tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tabbraċċja t-teżi tal-espert tat-traffiku Mario Buttigieg u skartat għal kollox is-sottomissjonijiet tagħhom li kienet l-attriċi li tellgħet il-*handbrake* qabel ma seħħ l-inċident.

[14] Ara wkoll sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef D Scicluna) fil-kawza **Annunziata Caruana v. Odette Camilleri** deciza fit-13 ta' Frar 2001

Jirribadixxu r-riżervi tagħhom fil-konfront tal-konklużjonijiet tal-espert Buttigieg, kif imfissra minnhom fis-sottomissjonijiet tagħhom, peress li dan ix-xhud ma kienx konsistenti u l-Ewwel Qorti qagħdet biss fuq il-konklużjoni tiegħu li kieku ttella' l-*handbrake* l-marki fuq it-triq kienu jkunu differenti. Jsostnu li mir-ritratti jirriżulta li l-*handbrake* kien mgħolli u għalhekk kien meħtieġ li jiġi stabbilit jekk l-*handbrake* ttellax qabel (u allura seta' kkontribwixxa għall-akkadut) jew wara l-inċident (u allura ma jkun hemm l-ebda ness bejn l-istess *handbrake* u l-inċident). L-appellanti jisiltu l-argumenti tagħhom sabiex isostnu li l-*handbrake* fil-fatt ittella' qabel l-inċident u li kienet l-istess attriċi li tellgħetu, kif wara kollox kienet heddet li tagħmel.

30. Jibda billi jingħad li l-piż tal-prova tan-negliġenza kontributorja jaqa' fuq il-konvenuti: "*In order to establish the defence of contributory negligence, the defendant must prove first, that the plaintiff failed to take 'ordinary care of himself' or, in other words, such care as a reasonable man would take for his own safety, and, secondly, that his failure to take care was a contributory cause of the accident*".[15] F'dan il-każ l-konvenuta Shanylee Reed toħroġ bl-argument li setgħet kienet l-istess attriċi li kkontribwiet għall-aċċident meta tellgħet il-*handbrake* qabel ma seħħ l-inċident, bil-konsegwenza li tilfet il-kontroll tal-vettura. Skont il-prinċipju li

[15] Du Parc, Lord Justice, in re: **Lewis v. Denye** (1939) 1 K.B. 540 at 554 iċċitat f' Charlesworth & Percy On Negligence (1997) para. 3-12.

min jallega jrid jipprova, kien l-obbligu tal-istess konvenuta li tressaq provi li jikkonvinċu lill-Qorti dwar dan l-argument.

31. Minn eżami mill-ġdid tal-provi, rriżulta lil din il-Qorti li, l-istess konvenuta Shanylee Reed fix-xhieda tagħha tgħid li huma u sejrin lura d-dar, indunat li kien sar il-ħin u f'dak il-ħin huwa minnu li l-attriċi appellata tant beżgħet bil-veloċità li kienet għaddejja l-istess Reed, li hedditha li jekk ma tnaqqasx l-*ispeed* hija kienet ser tgħolli l-*handbrake.* Peress li Reed tilfet il-kontroll tal-karozza, hija waslet għall-konvinzjoni li l-attriċi tellgħet il-*handbrake.* Waqt il-kontroeżami tal-konvenuta Reed, hija tikkonċedi li la rat u lanqas ħasset lill-attriċi tiġbed il-*handbrake.* Titqies mill-aktar relevanti d-deposizzjoni li ngħatat mill-konvenuta Reed l-għada tal-inċident, fl-Isptar, quddiem il-periti tekniċi:

> "*Kif wasalt ġo Aldo Moro u ċioè* ***meta qbadt il-liewa li hemm f'din it-triq, l-isteering ġibidli għan-naħa tax-xellug tiegħi****. Jiena ppruvajt indawwar l-isteering in-naħa l-oħra, waqt li żammejt il-brejk u ħbat. Qabel ma seħħ l-inċident Fleur Debono qaltli sabiex insuq bil-mod inkella kienet ser tiġbidli l-hand brake. Jiena weġibt le peress li naf li jekk tiġbed il-hand brake titlef il-kontroll.* ***Peress li kien sar il-ħin jiena iktar bdejt ngħafas il-gass sabiex nasal id-dar malajr."***

Minn din ix-xhieda, din il-Qorti tinsab konvinta li l-kawża prossima tal-inċident kienet l-użu tal-veloċità eċċessiva f'liwja, abbinata flimkien man-nuqqas ta' esperjenza fis-sewqan tal-konvenuta. Din il-fehma, tal-Qorti tinsab konfortata bil-konklużjoni tal-espert tat-traffiku Mario Buttigieg li kien inkarigat sabiex jassisti lill-Maġistrat Inkwirenti (ara konklużjoni a fol. 63 -64 tal-proċess).

32. L-attriċi min-naħa tagħha, ma tiftakarx l-parti tat-traġitt meta kienu għaddejjin mit-Triq Aldo Moro, eżatt qabel ma seħħ l-inċident u hija baqgħet konsistenti f'dan is-sens. Għalkemm tikkonċedi li heddet lill-attriċi li kienet ser ittella' l-*hand brake,* minħabba li kienet beżgħana dwar il-veloċità li biha kienet għaddejja Reed, hija ssostni li qatt ma kienet ser tagħmel dan, peress li kienet taf li dan iwassal għal inċident gravi.

33. Fir-rigward tal-argumenti mressqa mill-konvenuti appellanti dwar jekk il-*handbrake* ittellax qabel jew wara l-inċident, ix-xhud espert Buttigieg waqt il-proċeduri odjerni, osserva li mir-ritratt (a fol. 53) jidher li huwa mgħolli u ma setax jgħid ittellax qabel jew wara l-inċident. Għalkemm għall-ewwel jidher, li waqt l-imsemmi espert kien qiegħed jixhed, kien taħt l-impressjoni li waħda mit-tfajliet semmiet li nġibed il-*handbrake,* meta l-karozza kienet qiegħda tinbaram (ara fol. 250 tal-proċess), meta qara d-depożizzjoni jiet tal-kontendenti fil-kawża, u fuq mistoqsija tal-Qorti, ċċara li mkien ma jirriżulta li ngħad li l-*handbrake* inġibed. Mistoqsi dwar il-probabbiltà li l-*handbrake* ittella' qabel l-inċident, huwa jwieġeb: "*Evidenza fit-triq ma jidhirx. Kull ma kien hemm biss skid marks. Skid marks huma meta l-karozza tilfet il-kontroll mhux għax inġibed il-handbrake.*"

34. Mistoqsi mill-Qorti kienx hemm x'jindika li l-*handbrake* inġibed waqt l-inċident, l-espert iwieġeb: *"Le li kien hemm erbgħa sinjali mal-art meta l-karozza bdiet miexja la ġenba, meta għandek it-tyres l-erbgħa li huma qed jimmarkawlek u jkollok dawk qishom daqqiet semicircles fuqhom. Hemmhekk biss li nista' ngħid jien."* Fuq domanda tal-Qorti kieku l-*handbrake* ġie mgħolli qabel jew waqt l-inċident, ix-xhud iwieġeb li "*Il-karozza kienet iddur 360 degrees* " u "*jimmarkalek it-tyre marks 360 degrees turning dejjem".* Huwa jikkonkludi li "*ma kienx hemm sinjali x'juru li dan il-handbrake tela' għal ebda raġuni, iġifieri l-konsegwenza ta' dan l-inċident hi li hi tilfet il-kontroll."*

35. Din ix-xhieda tinsab korroborata mill-iskizz imħejji mill-perit Richard Aquilina, espert ieħor inkarigat mill-Maġistrat Inkwirenti, wara l-inċident, fejn tabilħaqq jirriżulta li *brake marks* huma dritti u angolati laġenba (ara fol. 11). Minn dan kollu, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fil-konklużjoni tal-Ewwel Qorti, li qagħdet fuq il-konklużjoni tal-espert tat-traffiku, peress li l-konvenuti ma rnexxielhomx jippruvaw l-argument tagħhom ta' kontributorjetà min-naħa tal-attriċi li jingħad li tellgħet il-*handbrake.* Wara kollox, il-konvenuti lanqas ma ressqu xi espert *ex parte* li jsostni t-teorija tagħhom. Fin-nuqqas ta' prova in sostenn tat-teżi tagħhom, din tibqa' biss konġettura u għalhekk lanqas it-tieni aggravju tagħhom ma jista' jiġi milqugħ.

36. Min-naħa l-oħra, s-soċjetà intervenuta fil-kawża, fl-ewwel aggravju tagħha tidħol ukoll fuq il-kwistjoni tan-negliġenza kontributorja, iżda tibbaża dan l-aggravju fuq is-segwenti: (i) l-attriċi kienet taf li Shanylee Reed kienet taħt l-età; (ii) kienet taf li Reed qatt ma saqet karozza qabel, (iii) kienet l-istess attriċi li ħarġet bl-idea li jieħdu l-karozza u tinstaq minn Reed u (iv) wara li l-ewwel karozza li ntużat ma ħadmitx sewwa minħabba nuqqas ta' *petrol,* kienet l-attriċi li ssuġġeriet li tintuża vettura oħra.

37. Fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa indubitat li l-attriċi bħala ħabiba tal-iskola tal-konvenuta Reed, kienet taf li din tal-aħħar kellha ħmistax-il sena bħalha u li konsegwentement ma kellhiex liċenzja tas-sewqan (ara fol. 178). Mill-provi in atti din il-Qorti tasal li taqbel li filwaqt li kien il-ħsieb ta' Shanylee Reed li wassal liż-żewġ tfajliet sabiex jieħdu ċ-ċwievet tal-karozza tal-omm, meta din il-karozza waqfet (peress li kienet bla petrol), wara kienet l-attriċi li ssuġġeriet li joħorġu bil-karozza tal-missier (hekk kif Reed qaltilha li dik żgura ikollha petrol). Dan jirriżulta mill-istess affidavit tal-attriċi (fol. 96) meta ngħad minnha: "...*jien ħriġt bl-idea li la diga qegħdin fit-trouble immorru dawra bil-karozza ta' missierha u għalhekk Shanylee marret iġġib iċ-ċwievet tal-karozza ta' missierha. F'dan il-mument iddeċidejna li morru dawra sa Paceville."* Din ix-xhieda tinsab ikkorroborata mix-xhud Raisa Bugeja, ħabiba oħra tal-attriċi u Reed li rrifjutat li tmur magħhom: "*Shanylee u Fleur reġgħu daħlu fil-kamra fejn konna u spjegaw li l-karozza ma kelliex petrol. Kien hawn li Fleur*

*irraġunat li ladarba kienu ħarġu b'waħda issa setgħu joħorġu b'oħra, ċioè l-karozza ta' missier Shanylee."* (ara fol. 240).

38. Minn dan kollu, din il-Qorti hija propensa li taqbel dwar l-element ta' kontributorjetà, li minkejja li l-attriċi kienet taf li Reed kienet taħt l-età u ma kellhiex liċenzja tas-sewqan, kienet hija stess li ħeġġet lil Reed sabiex issuq il-karozza ta' missierha u jmorru dawra biha. Filwaqt li din il-Qorti tirribadixxi dak li ngħad minnha taħt l-ewwel aggravju, li r-riskju li l-attriċi għażlet li tinkorri ma jeħlisx lill-konvenuta Reed mir-responsabbiltajiet tagħha li timxi bl-għaqal meħtieġ, jibqa' l-fatt li l-attriċi għażlet li tirkeb ma' Reed, minkejja li kienet taf li dan kien aġir illegali għal tfajla ta' ħmistax-il sena li ssuq karozza mingħajr liċenzja tas-sewqan, tant li kull darba ċ-ċwievet ittieħdu minn wara dahar il-ġenituri ta' Shanylee. Lil hinn minn dak li setgħet qalet Reed, li kienet kapaċi ssuq, l-attriċi messha kienet taf aħjar ,milli tpoġġi lilha nnifsa fil-għajn tal-perikolu, kif wara kollox għamlu ż-żewġt iħbieb l-oħra li rrifjutaw li jmorru magħhom. L-aġir traskurat tal-attriċi ma jistax jiġi injorat u għalhekk din il-Qorti tasal li taqbel li hija għandha ġġorr parti mir-responsabbiltà għall-akkadut.

39. Wara kollox, l-Artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:

> *"Jekk il-parti li tbati l-ħsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara, il-qorti, fil-likwidazzjoni ta' l-ammont tad-danni li għandhom jitħallsu lil dik il-parti, tiddeċidi, fid-diskrezzjoni tagħha, f' liema proporzjon din tkun ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara li batiet, u l-ammont tad-danni li għandu jitħallas lilha mill-persuni l-oħra li jkunu dolożament*

*jew bla ma riedu kkontribwew għal dik il-ħsara, jiġi mnaqqas f'dik il-proporzjoni.".*

Fil-kawża **Froom v. Butcher**, Lord Denning spjega:

> *"Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty of others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself."* [16]

40. Fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, jitqies li l-attriċi kienet negliġenti u naqset mill-prudenza, meta wara li falla l-ewwel attenat li jieħdu l-karozza tal-omm, kompliet tinstiga lil Reed sabiex jieħdu l-karozza tal-missier. Għalkemm l-attriċi kienet minorenni u kellha biss ħmistax-il sena, kien messha taf aħjar minn hekk. Il-prudenza kienet tiddetta li bħal sħabha l-oħra li kienu mistednin għand Reed, tagħraf li ma kinitx idea tajba li joħorġu bil-karozza, meta kienet taf li qiegħda ssir xi ħaġa mhux biss ħażina, imma illegali wkoll, tant li għamlu dan minn wara dahar il-ġenituri ta' Shanylee Reed.

41. Minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjetà min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjetà fejn il-vittma tqiegħed lilha nnifisha fil-periklu li tkorri jew li ġġarrab ħsara. Huwa mħolli dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti, meta hemm ħtija kontributorja min-

[16] The Modern Law of Negilgence. R.A. Buckley ( Tieni Edizzjoni, Butterworths, 1993)

naħa tad-danneġġjat, li tistabilixxi l-proporzjon li fiha hu kkontribwixxa għal, jew ikkaġuna l-ħsara li ġarrab, kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi tal-każ. (Ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Jannar, 1964, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Galdes v. Victor Micallef** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.59**)).

42. Wara li din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ taħt eżami, tqis li jkun ġust li l-attriċi ġġorr parti żgħira mir-responsabbiltà għal dak li ġara, u s-sehem tagħha qiegħed jiġi stabbilit minn din il-Qorti fil-perċentwal ta' 20%. Il-ħtija prinċipali tibqa' dik tal-konvenuta Reed meta saqet il-karozza ta' missierha bla liċenzja u b'użu ta' sewqan eċċesiv, li jibqa' l-kawża prossima tal-inċident, mentri r-rwol li kellha l-attriċi li wassal it-tfajliet li joħorġu bil-karozza meta dan kien aġir illegali, tibqa' ta' natura kontributorja. Għalhekk din il-Qorti ser tilqa' din il-parti tal-aggravju tas-soċjetà intervenuta fil-kawża, li għandu jwassal għat-tnaqqis tad-danni likwidati mill-Ewwel Qorti sabiex jirriflettu s-sehem li kellha l-attriċi. Kunsidrat ukoll li, l-ebda aggravju taż-żewġ appelli ma jattakka l-likwidazzjoni tad-danni, din il-Qorti tista' tgħaddi minnufih sabiex tagħmel il-kalkoli meħtieġa sabiex jirriflettu dan. Wara li jitnaqqas il-perċentwal ta' 20% mis-somma likwidata mill-Ewwel Qorti ta' €43,372.77, l-ammont dovut lill-attriċi għandu jiġi rivedut għas-somma ta' €34,698.22.

43. Imiss li jiġi trattat issa l-aħħar aggravju tal-konvenuti appellanti, li jitratta r-responsabbiltà tal-ġenituri. L-appellanti jikkontendu li fid-

determinazzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri, l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni tagħha fuq bażi ta' konġetturi, li m'għandhom l-ebda bażi fil-provi. Il-missier, Brian Reed dam xogħol sas-1.30 ta' filgħodu, kwindi meta daħal id-dar baqa' dieħel jorqod, mentri l-omm Romina Reed raqdet ma' bintha l-kbira, moħħha mistrieħ li t-tfajliet li kienu mistednin minn bintha l-oħra daħlu jorqdu fil-kamra tas-sodda. Isostnu li t-tfajliet li ħarġu mid-dar m'għamlux użu mill-bieb prinċipali, iżda ħarġu nkiss inkiss mit-tieqa tal-kamra tas-sodda li kienet tagħti għal fuq it-triq. Kwindi, kuntrarjament għal dak li ngħad mill-Ewwel Qorti, la kien hemm ġiri fil-kċina, la xegħil ta' dawl u kunsidrat li t-tieqa li ħarġu minnha t-tfajliet kienet fil-kamra tas-sodda tagħhom, mhix ħaġa kbira li bil-bieb magħluq, il-ġenituri ma ntebħux b'dak li kienu qegħdin jagħmlu t-tfal. Kwindi ma kien hemm l-ebda raġuni sabiex il-ġenituri jissuspettaw li t-tfajliet kienu qegħdin jagħmlu xi ħaġa ħażina. Għalhekk jingħad li l-ġenituri ma kellhomx jinżammu responsabbli għal dak li ġara.

44. L-Artikolu, 1034 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li *: "Kull min jieħu ħsieb ta' wieħed minuri jew ta' miġnun, hu obbligat għall-ħsara li jagħmel il-minuri jew il-miġnun meta huwa ma jkunx ħa l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jiġrix*". Il-kwistjoni f'dan il-każ hija jekk il-ġenituri ta' Shanylee Reed għandhomx iwieġbu wkoll għal dak li ġara. Biex tirnexxi l-azzjoni kontra l-ġenituri, l-attriċi kellha turi li l-ġenituri Brian u Romina Reed ma ħadux ħsieb bil-għaqal ta' *bonus paterfamilias* biex jaraw li ma

jsirx il-fatt li wassal għall-ħsara mġarrba mid-danneġġata. Il-liġi ma tagħtix definizzjoni ta' xi tfisser il-frażi "*il-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja*", però l-Artikolu 1032 tal-istess Kodiċi Ċivili jgħid illi jitqies fi ħtija kull min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, u li ħadd ma jwieġeb fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar.

45. Għalkemm hemm preżunzjoni kontra l-ġenituri huma però jistgħu jirribattu din il-preżunzjoni, kemm-il darba l-istess ġenituri jippruvaw li huma għamlu dak kollu li hu raġjonevolment possibili, sabiex jevitaw li jseħħ il-fatt li wassal għad-dannu. Hekk per eżempju, fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Ottubru, 2008, fil-kawża fl-ismijiet **George Borg et v. Anthony Borg et** ingħad:

> "*Kif inghad fis-sentenzi fl-ismijiet **Nicola Magro v. Geraldo Zammit pro et noe**[17] u **Joseph Zammit v. Joseph Cutajar et**[18], it-tnejn citati mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Jerome Pace v. Paul Muscat pro et noe,*** *Citaz. Nru. 119/91 deciza fis-16 ta' Gunju 2003:*
>
> *"il-missier allura ghandu kontra tieghu l-presunzjoni legali li hu responsabbli ghad-danni kagjonati minn ibnu minuri, sakemm huwa ma jipprovax sodisfacentement illi, bhala missier tajjeb tal-familja, huwa ha hsieb ibnu biex il-fatt dannuz ma jigix kommess" u "din il-prova trid tkun sufficjenti, u tali li twaqqa' l-presunzjoni legali, b'mod li mhux bizzejjed li missier jipprova li, meta ibnu minuri ghamel il-kaz, u kkaguna d-dannu, hu kien okkupat fuq ix-xoghol."*

[17] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' April 1960.
[18] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Jannar 1956.

46. Hekk ukoll, applikat l-istess prinċipju għall-każ in eżami, mhuwiex biżżejjed li jingħad mill-konvenuti konjuġi Reed li t-tfajliet għamlu kollox minn wara daharhom matul il-lejl waqt li kienu reqdin. Ġaladarba dawn il-ġenituri daħlu għar-responsabbiltà li jistiednu l-ħbieb tat-tifla d-dar tagħhom, huma kellhom id-dover li jissorveljaw dak li kien qiegħed isir mit-tfajliet. Il-fatt li forsi t-tifla tagħhom Shanylee Reed qatt ma kienet tathom problemi ma kienx jeżonerhom mill-obbligu ta' sorveljanza fuq it-tfajliet li huma kienu qegħdin jospitaw id-dar tagħhom. Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Jannar, 2002, fl-ismijiet ***Carmelo Micallef St. John et v. Richard Spiteri et***.

47. Ma jirriżultax li matul il-lejl, xi ħadd minnhom mar jittawwal jara x'kienu qegħdin jagħmlu t-tfajliet, sabiex jassiguraw ruħhom li dawn kienu raqdu. Huwa magħruf li ta' dik l-età, ż-żgħażagħ ma joqogħdux lura milli jagħmlu xi praspura u fiż-żmien tal-lum, mhuwiex għaqli għall-ġenituri li jafdaw lit-tfal tagħhom fl-għama. Isegwi li minkejja li huwa minnu li t-tfajliet għamlu kollox minn wara dahar il-ġenituri konjuġi Reed, jibqa' l-fatt li t-tifla tagħhom ħadet iċ-ċwievet tal-karozza u ħarġet mid-dar, flimkien mal-attriċi, darbtejn mingħajr ma dawn biss intebħu, li jikkonferma n-nuqqas ta' superviżjoni effettiva fuq it-tfajliet li kellhom taħt ir-responsabbiltà tagħhom jew, tal-anqas, il-mod traskurat u l-faċilità li biha binthom setgħet issib u tuża ċ-ċwievet tal-karozzi rispettivi tagħhom fejn

ħallewhom fil-qabda. Isegwi li lanqas dan it-tielet aggravju tal-konvenuti appellanti ma jimmerita li jintlaqa'.

48. Dan iwassal għall-aħħar aggravju tas-soċjetà intervenuta fil-kawża, jiġifieri, dak fejn jintalab lil din il-Qorti tiddikjara n-nuqqas ta' responsabbiltà tas-soċjetà intervenuta appellanti, minħabba n-nuqqas ta' kopertura tal-assikurazzjoni. Tajjeb li jiġi mfakkar li kif sewwa josservaw l-attriċi appellata u l-Fond intervenut fil-kawża, fir-risposta tal-appell tagħhom, huwa prinċipju stabbilit li parti intervenuta fil-kawża ma tistax iżżid mat-talbiet attriċi, sabiex ikun hemm deċiżjoni fil-konfront tagħha mod ieħor, jew differenti minn dak li jintalab mill-attur. L-Ewwel Qorti kienet marbuta li tiddeċiedi skont it-talbiet imressqa quddiemha fir-rikors promotur u mhux minn xi talbiet oħra mressqa mill-intervenuta fil-kawża. Ġaladarba ma kien hemm l-ebda talba simili fit-talbiet tal-atturi, l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tiddeċiedi fis-sens mitlub mis-soċjetà intervenuta fil-kawża, f'dan l-aħħar aggravju tagħha. Wara kollox, il-kwistjoni bejn is-soċjetà intervenuta fil-kawża u l-assigurat tagħha (Brian Reed) hija materja li tikkonċerna lilhom biss u hija materja *inter res alios acta* għall-attriċi appellata.

49. Kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Jannar, 2007, fil-kawża fl-ismijiet **Rita Seguna noe v. Loren Rita Abela:**

> *"...in bazi ghal gurisprudenza pacifika, l-intervenjenti ma hux "parti" jew kontendenti fil-kawza, fis-sens li hu ma jsirx la attur u lanqas*

*konvenut (ara Deciz. Kollez. Vol. XII.53 u Vol. XXXI.I.321) Fil-kawza “**Cortis v. Staines**” deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta’ Gunju 1936 (Vol. XXIX.II.1116) intqal ukoll li l-intervent tant mhux parti fil-kawza li la jista’ jigi liberat u lanqas kundannat;*

*...*

*Ladarba, l-intervenjenti ma huwiex “parti” fil-kawza, ma tistax tinghata decizjoni fil-konfront tieghu...*

*...*

*Socjeta` assikuratrici jista’ jkollha interess tintervjeni f’kawza biex tiddefendi klijent taghha li qed jigi akkuzat li hu kien responsabbli ghal xi incident awtomobilistiku, ghax b’dan il-mod tkun qed tiddefendi l-interess ta’ parti f’kawza, pero`, ma tistax tippretendi li bl-intervent taghha il-Qorti titratta u tiddeciedi materja li jinteressa lilha, izda mhux il-meritu tat-talbiet attrici.”*

50. Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, minkejja li s-soċjetà intervenuta fil-kawża, ppreżentat risposta ġuramentata, l-pretensjonijiet tal-attriċi huma fil-konfront tal-konvenuti Reed. Jekk il-konvenuti jew min minnhom, kiser xi kundizzjoni tal-polza tal-assikurazzjoni, dik hija materja li tikkonċerna lill-konvenuti Reed mas-soċjetà assiguratriċi, iżda ċertament m’għandhiex x’taqsam mat-talbiet attriċi. Isegwi li din il-Qorti ma ssib xejn x’tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti f’dan ir-rigward, peress li s-soċjetà intervenuta fil-kawża mhix parti konvenuta fil-kawża. Isegwi li dan it-tieni aggravju tagħha ma jreġix u qiegħed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti tiċħad l-appell tal-konvenuti Reed, iżda tilqa’ f’parti l-appell tas-soċjetà appellanti intervenuta fil-kawża

Untours Insurance Agency Limited (illum Postainsure Agency Limited) u tvarja s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-19 ta' Ottubru, 2018, billi tiddikjara l-attriċi responsabbli f'parti, għall-inċident imġarrab minnha, fis-sehem ta' 20%.

Tvarja d-danni likwidati, sabiex minflok tillikwida d-danni fis-somma ta' erbgħa u tletin elf, sitt mija u tmienja u disgħin ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€34,698.22) u tikkundanna lill-konvenuti Shanylee Reed, Brian u Romina konjuġi Reed sabiex iħallsu lill-attriċi *in solidum* bejniethom din is-somma, hekk kif likwidata minn din il-Qorti.

Bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi, jinqasmu fir-rigward tas-sehem ta' 80% mill-konvenuti appellanti u 20% mill-attriċi appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da